

32006R0776

24.5.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 136/3

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 776/2006

tat-23 ta' Mejju 2006

## li jemenda l-Anness VII mar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Laboratorji ta' Referenza Komunitarji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 32.5(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistabbilixxi l-kompiti, dmirijiet u rekwiżiti ġenerali għal-Laboratorji ta' Referenza Komunitarji għall-ikel u l-għalf u għas-saħħa ta' l-annimali. Il-Laboratorji ta' Referenza Komunitarji huma elenkati fl-Anness VII ma' dan ir-Regolament. Il-lista fiha l-Laboratorji ta' Referenza Komunitarji kollha għall-għalf u l-ikel li kienu ddeżinjati qabel fatti oħra.
- (2) Id-deżinjazzjoni tal-Laboratorji ta' Referenza Komunitarji għandhom jikkontribwixxu għal kwalità u uniformità għolja tar-riżultati analitiċi.
- (3) L-attivitajiet tal-Laboratorji ta' Referenza Komunitarji għandhom ikopru l-oqsma kollha fil-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u l-ikel u fis-saħħa ta' l-annimali, partikolarment dawk l-oqsma fejn hemm il-ħtieġa għal riżultati analitiċi u dijanjostiċi preċiżi.
- (4) F'għadd ta' setturi fejn tapplika l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-ikel, l-għalf u s-saħħa ta' l-annimali, hemm il-ħtieġa li jkunu ddeżinjati Laboratorji ta' Referenza Komunitarji addizzjonali f'oqsma fejn għadhom ma jeżistux, partikolarment, fir-rigward tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, il-bruċellożi, il-*Listeria monocytogenes*, stafilokokki koagulażi-pożittivi, l-*Escherichia coli*, inkluża dik li tipproduċi l-verotossini (VTEC), il-Campylobacter, il-parassiti

(partikolarment it-*Trichinella*, l-*Echinococcus*, l-*Anisakis*), ir-resistenzi antimikrobiċi, proteini ta' l-annimali fl-għalf, residwi mill-pestiċidi, mikotossini fl-ikel u l-għalf, metalli tqal fl-ikel u l-għalf, dijossini u PCBs fl-ikel u l-għalf u l-idrokarburi poliċikliċi aromatiċi (PAH).

- (5) F'Lulju 2005 l-Kummissjoni nediet sejħa għall-għażla u d-deżinjazzjoni ta' Laboratorji ta' Referenza Komunitarji ġodda. Il-valutazzjoni ta' l-applikazzjoni ntemmet f'Diċembru 2005 u r-riżultati ġew innotifikati lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati. Wara li tkun saret il-valutazzjoni l-Kummissjoni tqis li jkunu ddeżinjati bħala Laboratorji ta' Referenza Komunitarji ġodda l-kandidati li għaddew f'kull qasam.
- (6) Jinħtieġ l-aġġornament ta' ċerta informazzjoni speċifika dwar il-Laboratorji ta' Referenza Komunitarji eżistenti fl-Anness VII mar-Regolament (KE) 882/2004.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-Anness VII mar-Regolament (KE) Nru 882/2004 huwa mibdul bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-23 ta' Mejju 2006.

Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1; verżjoni korretta fil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1.

## ANNEX

L-Anness VII mar-Regolament (KE) Nru 882/2004 jiġi ssostitwit b'li ġej:

## "ANNEX VII

**LABORATORJI TA' REFERENZA KOMUNITARJI****I. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-għalf u l-ikel**

1. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

AFSSA- Laboratoire d'études et de recherches sur la qualité des aliments et sur les procédés agroalimentaires (LERQAP)  
F-94700 Maisons-Alfort  
Franza

2. Laboratorji ta' Referenza Komunitarji għall-analiżi u l-ittestjar għaż-żoonożi (salmonella)

Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieu (RIVM)  
3720 BA Bilthoven  
L-Olanda

3. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-monitoraġġ tal-bijotossini tal-baħar

Agencia Española de Seguridad Alimentaria (AESAs)  
36200 Vigo  
Spanja

4. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-monitoraġġ tal-kontaminazzjoni virali u batterjoloġika tal-molluski bivalvi

The laboratory of the Centre for Environment, Fisheries and Aquaculture Science (CEFAS)  
Weymouth  
Ir-Renju Unit  
XXXXXXXXXX

5. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għal-*Listeria monocytogenes*

AFSSA- Laboratoire d'études et de recherches sur la qualité des aliments et sur les procédés agroalimentaires (LERQAP)  
F-94700 Maisons-Alfort  
Franza

6. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-istafilokokki coagulaži-pożittivi, inkluż l-*Staphylococcus aureus*

AFSSA- Laboratoire d'études et de recherches sur la qualité des aliments et sur les procédés agroalimentaires (LERQAP)  
F-94700 Maisons-Alfort  
Franza

7. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-*Escherichia coli*, inkluża dik li tipproduċi l-verotossini (VTEC)

Istituto Superiore di Sanità (ISS)  
I-00161 -Roma  
LItalja

8. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-*Campylobacter*
- Statens Veterinärmedicinska Anstalt (SVA)  
SE-751 89 Uppsala  
L-Iżvezja
9. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-parassiti (partikolarment it-*Trichinella*, l-*Echinococcus* u l-*Anisakis*)
- Istituto Superiore di Sanità (ISS)  
I-00161 –Roma  
L-Italja
10. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għar-resistenza antimikrobika
- Danmarks Fødevareforskning (DFVF)  
DK-1790 Copenhagen  
Id-Danimarka
11. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-proteini ta' l-annimali fl-għalf
- Centre Wallon de Recherches agronomiques (CRA-W)  
B-5030 Gembloux  
Il-Belġju
12. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għar-residwi mill-mediċini veterinarji u aġenti kontaminanti fl-ikel li joriġina mill-annimali
- (a) Għar-residwi mniżżla fl-Anness I, Grupp A 1, 2, 3, 4, Grupp B 2 (d) u Grupp B 3 (d) mad-Direttiva 96/23/KE
- Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieu (RIVM)  
3720 BA Bilthoven  
L-Olanda
- (b) Għar-residwi mniżżla fl-Anness I, Grupp B 1 u B 3 (e) mad-Direttiva 96/23/KE u l- u l-
- Laboratoires d'études et de recherches sur les médicaments vétérinaires et les désinfectants  
AFSSA - Site de Fougères  
BP 90203  
Franza
- (c) Għar-residwi mniżżla fl-Anness I, Grupp A 5 u Grupp B 2 (a), (b), (e) mad-Direttiva 96/23/KE
- Bundesamt für Verbraucherschutz und Lebensmittelsicherheit (BVL)  
D-12277 Berlin  
Il-Ġermanja
- (d) Għar-residwi mniżżla fl-Anness I, Grupp B 3 (c) mad-Direttiva 96/23/KE
- Istituto Superiore di Sanità  
I-00161 –Roma  
L-Italja

## 13. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSEs)

Il-laboratorju msemmi fl-Anness X, Kapitolu B mar-Regolament (KE) Nru 999/2001

The Veterinary Laboratories Agency  
Woodham Lane  
New Haw  
Addlestone  
Surrey KT15 3NB  
Ir-Renju Unit

## 14. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni ta' l-annimali

Il-laboratorju msemmi fl-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf ta' l-annimali <sup>(1)</sup>

Iċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea  
Geel  
Il-Belġju

## 15. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-organiżmi modifikati ġenetikament (GMOs)

Il-laboratorju msemmi fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament <sup>(2)</sup>

Iċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea  
Ispra  
L-Italja

## 16. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-materjal maħsub biex jiġi f'kontatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel

Iċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea  
Ispra  
L-Italja

## 17. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għar-residwi mill-pestiċidi

## (a) Ċereali u għalf

Danmarks Fødevarerforsknig (DFVF)  
DK-1790 Copenhagen  
Id-Danimarka

## (b) Ikel li joriġina mill-annimali u prodotti b'kontenut ta' xaħam għoli

Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA) Freiburg  
Postfach 100462  
79123 Freiburg  
Il-Ġermanja

## (c) Frott u ħaxix, inklużi l-prodotti b'kontenut ta' ilma għoli u kontenut ta' aċċu għoli

Laboratorio Agrario de la Generalitat Valenciana (LAGV)  
Grupo de Residuos de Plaguicidas de la Universidad de Almería (PRRG)  
LAGV: 46100 Burjassot-Valencia  
PRRG: 04120 Almería  
Spanja

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Reglament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).

<sup>(2)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

## (d) Metodi għal residwi singoli

Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA) Stuttgart  
 Postfach 1206  
 70702 Fellbach  
 Il-Ġermanja

## 18. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-metalli tqal fl-għalf u l-ikel

Iċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea  
 Geel  
 Il-Belġju

## 19. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-mikotossini

Iċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea  
 Geel  
 Il-Belġju

## 20. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-Idrokarburi Poliċikliċi Aromatiċi (PAH)

Iċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea  
 Geel  
 Il-Belġju

## 21. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għad-dijossini u PCBs fl-għalf u l-ikel

Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA) Freiburg  
 Postfach 100462  
 79123 Freiburg  
 Il-Ġermanja

**II. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għas-saħħa ta' l-animali u animali ħajjin**

## 1. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għad-deni klassiku tal-ħnieżer

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda ta' l-inafjet vesikolari (deni klassiku) tal-ħnieżer <sup>(1)</sup>.

## 2. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-marda Afrikana taż-żwiemel

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 92/35/KEE tad-29 ta' April 1992 li tistabbilixxi r-regoli ta' kontroll u miżuri biex tkun miġġielda l-marda Afrikana taż-żwiemel <sup>(2)</sup>.

## 3. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-influenza tat-tjur

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2005 miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influenza tat-tjur u li tirrevoka d-Direttiva 92/40/KEE <sup>(3)</sup>.

## 4. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-marda Newcastle

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KE ta' l-14 ta' Lulju 1992 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għal kontroll tal-marda Newcastle <sup>(4)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5. Direttiva kif emendata bl-Att tal-Adeżjoni tal-2003.

<sup>(2)</sup> ĠU L 157, 10.6.1992, p. 19. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

<sup>(3)</sup> ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.

<sup>(4)</sup> ĠU L 260, 5.9.1992, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003.

## 5. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-marda vexxikolari tal-ħnieżer

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tintroduċi miżuri ġenerali Komunitarji għall-kontroll ta' ċertu mard ta' l-annimali u l-miżuri speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-marda vexxikolari tal-ħnieżer <sup>(1)</sup>.

## 6. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-mard tal-ħut

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 93/53/KEE ta' l-24 ta' Ġunju 1993 li tintroduċi miżuri minimi Komunitarji għall-kontroll ta' ċertu mard tal-ħut <sup>(2)</sup>.

## 7. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-mard li jaffettwa l-mollusku bivalvi

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 95/70/KEE tat-23 ta' Diċembru 1995 għall-kontroll ta' xi mard li jaffettwa l-molluski bivalvi <sup>(3)</sup>.

## 8. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-monitoraġġ ta' l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija

Il-laboratorju msemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KEE ta' l-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istituzzjoni speċifika sabiex tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandarizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija <sup>(4)</sup>.

## 9. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-bluetongue

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KEE ta' l-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-bluetongue <sup>(5)</sup>.

## 10. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għad-deni Afrikan tal-qżieqeż

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KEE tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi miżuri għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-qżieqeż u temenda id-Direttiva 92/119/KEE għar-rigward tal-marda Teschen u d-deni Afrikan tal-qżieqeż <sup>(6)</sup>.

## 11. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għaż-żooteknika

Il-laboratorju msemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/436/KEE tat-23 ta' Lulju 1996 li tinnomina l-korp ta' riferenza responsabbli biex jikkollabora ħalli jagħmel l-istess il-metodi ta' l-ittestjar u l-evalwazzjoni tar-riżultati għal annimali ta' razza pura ta' l-ispeċi tal-bovini <sup>(7)</sup>.

## 12. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KEE tad-29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri tal-Komunità fuq il-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li tirrevoka id-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjoni 89/531/KEE and 91/665/KEE u tammenda d-Direttiva 92/46/KEE <sup>(8)</sup>.

## 13. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-bruċellożi

AFSSA- Laboratoire d'études et de recherches en pathologie animale et zoonoses  
F-94700 Maisons-Alfort  
Franza

<sup>(1)</sup> ĠU L 62, 15.3.1993, p. 69. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003.

<sup>(2)</sup> ĠU L 175, 19.7.1993, p. 2. Direttiva kif emendata bl-Att tal-Adeżjoni tal-2003.

<sup>(3)</sup> ĠU L 332, 30.12.1995, p. 33. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003.

<sup>(4)</sup> ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/60/KE (ĠU L 23, 28.1.2003, p. 30).

<sup>(5)</sup> ĠU L 327, 22.12.2000, p. 7.

<sup>(6)</sup> ĠU L 192, 20.7.2002, p. 27. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

<sup>(7)</sup> ĠU L 192, 2.8.1996, p. 19.

<sup>(8)</sup> ĠU L 306, 22.11.2003, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/615/KE (ĠU L 213, 18.8.2005, p. 14)."